# SJAF *e*-Magazine

***ST JEANNE ANTIDE FOUNDATION***
Ċentru Antida
51, Tarxien Road. Tarxien TXN1090
Reception Desk Tel. 27672367; 21808981; 21809011
Email: miriam.sjaf@gmail.com
Website: www.antidemalta.com
Facebook: Fondazzjoni St Jeanne Antide

**VO/0005/4th May 2008**

***a monthly e- magazine – Issue No.70, July/August 2013***


# IL-PROSTITUZZJONI – ĦARSA LEJN LIĠIJIET

mit-tim Tekniku tal-Fondazzjoni tal-Proġett IRENE – nisa involuti fil-prostituzzjoni fit-toroq: ħidma ta' outreach u servizzi bażiċi

Il-prostituzzjoni huwa l-att fejn persuna tagħti servizzi sesswali lil persuna oħra bi ħlas. Mingħajr ma wieħed jidħol fuq il-moralità ta' din l-attività, il-prostituzzjoni għandha dell ikraħ fuqha minħabba li ġġib diversi problemi soċjali magħha li huma ta' natura serja. L-ikbar problemi li joħloq dan il-qasam huma l-esplojtazzjoni u traffikar ta' persuni vulnerabbli li jagħmlu dan it-tip ta' xogħol minn min iħaddimhom, it-tixrid ta' ċertu mard speċjalment mard li jiġi trasmess mill-att sesswali u l-possibiltà ta' vjolenza kontra dawn il-persuni involuti fil-prostituzzjoni, mill-klijenti tagħhom.

**Esplojtazzjoni w Traffikar**

L-esplojtazzjoni u t-traffikar ta' persuni involuti fil-prostituzzjoni huwa fenomenu globali u mifrux aktar milli wieħed jaħseb.
Per eżempju, ġewwa l-Ewropa fl-2010 ġew identifkati kważi 10,000 vittma tat-traffikar.1 Ħafna minn dawn il-vittmi ġejjijn mill-ex pajjiżi kommunisti. Uħud minn dawn il-persuni jiġu litteralment misruqa minn organizzazjonijiet kriminali u maqfula ġewwa burdelli. Oħrajn jiġu mwegħda xogħolijiet komdi b'paga tajba ġewwa pajjiżi barranin, iżda meta jsibu ruħhom barra minn pajjiżhom isibu ruħhom sfurzati fil-prostituzzjoni.



KONTENUT


Il-Prostituzzjoni – ħarsa lejn liġijiet f'pajjiżi differenti pg 1-5
Meta terġa' tfeġġ il-marda, jew ir-relapse..... pg 6-7
Żjajjar ta' ħbiberija lill-Anzjani Tarxinizi........ pg 8
Visit by Minister Marie Louise Coleiro Preca... pg 8
SOAR presentation to Parliamentary Social Affairs Committee.... pg 9-11
Fundraising activities.................................. pg 12-13
Rokna Poeżija............................................. pg 14
Storja Miktuba minn Hailey Mifsud............... pg 14
Avviżi............................................................ pg 15


**Back issues can be downloaded from our website – www.antidemalta.com**

Id-destinazzjoni ta' dawn il-vittmi tvarja minn ġewwa l-Ewropa, l-Amerika ta' fuq u t'isfel u saħansitra ġewwa l-Asja. It-traffikanti ma jagħmlux distinzzjoni bejn dawk il-pajjiżi li għandhom il-prostituzzjoni legali u dawk li m'għandhomx. Iżda ċertu studji ikkondkludew illi t-traffikar ta' persuni jiffjorixxi f'dawk il-pajjiżi fejn il-prostituzzjoni hija legali bħal ma hija l-Ġermanja.1

**Tixrid tal-Mard**

Il-prostituzzjoni f'ħafna pajjiżi hija assoċjata mat-tixrid ta' diversi mard speċjalment ta' mard trasmess sesswalment. Xi wħud minn dan il-mard huwa ta' natura gravi u jekk ma jiġix ikkontrollat jibqa' jinfirex. Il-mard li jinfirex sesswalment jinkludi HIV/AIDS, chlamydia, gonorrhea, herpes u l-human papilloma virus.

Sabiex jikkumbattu din il-problema, xi pajjiżi waslu saħansitra biex ikkriminalizzaw il-prostituzzjoni kompletament. Pajjiżi oħra investew f'programmi ta' edukazzjoni fejn jinformaw u jgħallmu lin-nies jużaw il-kondom u jieħdu miżuri oħra li jnaqqsu t-tixrid tal-mard. Ċertu sistemi jirrikjedu lill-prostituti sabiex jagħmlu testijiet mediċi kull tant żmien.

---

1

SEO-YOUNG CHO, AXEL DREHER, ERIC NEUMAYER, "Does Legalized Prostitution Increase Human Trafficking?", http://www.lse.ac.uk/geographyAndEnvironment/whosWho/profiles/neumayer/pdf/Article-for-World-Development-_prostitution_-anonymous-REVISED.pdf

Is-sistema li teduka huwa l-aktar mod effettiv sabiex tiġġieled it-tixrid tal-mard. Meta l-prostituzzjoni tiġi kriminalizzata, din tibqa' topera b'mod klandestin. Meta jsir hekk ikun aktar diffiċli li teduka u li timplimenta sistema ta' monitoraġġ u testijiet.

**Pożizzjonijiet Ewlenin fil-Konfront tal-Prostituzzjoni**

Il-pożizzjonijiet fil-konfront tal-prostituzzjoni jistgħu jkunu diversi. L-istatus legali tal-prostituzzjoni jvarja minn pajjiż għal ieħor. F'ċertu pajjiżi l-prostituzzjoni hija legali u regolata u f'oħrajn legali iżda mhux regolat. Ċertu pajjiżi oħra l-prostituzzjoni huwa illegali u saħansitra jġorr pieni ħorox. It-tlett pożizzjonijiet ewlenin li qegħdin jittieħdu madwar id-dinja huma il-projbizjoni, l-abolizzjoni regolazjoni.

Il-projbizzjoni tfisser illi kemm ix-xiri u kemm il-bejgħ tas-servizzi sesswali huma meqjusa illegali. Kemm il-prostituti kif ukoll il-klijenti tagħhom huma meqjusa bħala kriminali. Għalkemm il-prostituzzjoni issir illegali, din xorta waħda tibqa' topera b'mod klandestin. Kif diġa' ntqal aktar il-fuq, meta jiġri hekk tkun aktar diffiċli għall-awtoritajiet sabiex jagħmlu moniteraġġ u sabiex jedukaw kemm lill-klijenti kif ukoll lill-persuni involuti fil-prostituzzjoni.

L-abolizzjoni tal-prostituzzjoni tirriżulta li ħafna mill-aspetti ta' dan il-qasam jiġu meqjusa illegali; madanakollu, il-prostituzzjoni per se tibqa' legali. Per eżempju, it-tlajjar tal-prosituti, ir-reklamar tal-prostituzzjoni u l-burdelli jiġu kriminalizzati. Il-ħsieb wara dan huwa li l-istat ifixkel kemm jista' jkun is-suq tas-sess iżda fl-istess ħin ma jirrestrinġihx b'tali mod li l-prostituti jibdew joperaw klandestinament. Taħt din il-pożizzjoni hemm li l-persuni involuti fil-prostituzzjoni jkunu meqjusa bħala vittmi anke jekk ma jkunux imġiegħla minn terza persuna. Dan għaliex il-persuni involuti jkunu qed joffru dan is-servizz bil-volontà tagħhom; ħafna drabi jkunu kostretti jidħlu fil-prostituzzjoni għax huma vittmi taċ-ċirkostanzi, frott il-faqar u problemi oħra soċjali. Din hija s-sistema adottata ġewwa Malta. Sa ċertu punt, din hija wkoll is-sistema Svediża.

Ir-regolazzjoni tfisser illi l-aspetti ewlenin tal-prostituzzjoni jkunu legali. L-istat jindaħal ftit li xejn fl-operat ta' dan is-suq. L-indħil ġeneralment ikollu x'jaqsam jew mal-ġbir tat-taxxi, rekwiżiti ta' sanità u testijiet mediċi u f'ċertu istanzi l-kontrol ta' fejn jistgħu joperaw il-persuni involuti fil-prostituzzjoni u l-burdelli. Taħt dan il-mudell, il-prostituzzjoni mhix meqjusa bħala immorali u l-persuni involuti fiha mhumiex ikkonsidrati vittmi f'każ illi jidħlu f'dan il-qasam bil-volonta' libera tagħhom.

**L-iSvezja**

Fl-1999 l-iSvezja għaddiet liġi fejn ix-xiri ta' servizzi sesswali sar illegali. Meta għaddiet din il-liġi, min jinstab ħati li xtara servizzi sesswali seta jeħel massimu ta' sitt xhur priġunerija iżda fl-2011 din il-piena telgħet għal-sena

priġunerija. Skont il-gvern Svediż, ir-raġuni għal' din il-liġi hija li sservi bħala deterrent għal dawk li jixtru dawn is-servizzi. Din il-liġi ġabet ċertu fama internazzjonali minħabba s-suċċess li l-gvern Svediż kien qed jirrapporta. Ta' min isemmi li diversi pajjiżi kkunsidraw jadottaw din is-sistema u in-Norveġja u l-Islanda kkupjaw din is-sistema fl-2009. Il-gvern Svediż jisħaq illi din il-leġislazzjoni hija frott l-importanza li s-soċjetà tiġġieled kontra l-prostituzjoni. Skont stqarrija tal-gvern:

*"The reason behind the introduction of legislation on the purchase of sexual services was - and is - the importance for society of fighting against prostitution. Prostitution is considered to cause serious harm both to individuals and to society as a whole. Large-scale crime, including human trafficking for sexual purposes, assault, procuring and drug-dealing, is also commonly associated with prostitution*."[2]

Aspett ta' din il-leġislazzjoni li kien u għadu ċ-ċentru ta' ħafna polemici huwa l-fatt illi l-bejgħ tas-servizzi sesswali baqa' legali. B'hekk wieħed jista' jbiegħ is-servizzi sesswali iżda ma jistax jixtri. Il-gvern Svediż ma kkriminalizzax l-aspetti kollha relatati mal-prostituzzjoni.

**Ir-Rapport ta' Anna Skarhed fl-Isvezja**

Din il-liġi kienet u għada tqajjem ċertu kontroversja kemm fix-xena nazzjonali w anke f'dik internazzjonali. Fl-2008 il-gvern Svediż appunta lil Imħallef tal-Qorti Suprema tal-iSvezja Anna Skarhed sabiex tħejji rapport fuq l-effetti li ġabet magħha din il-liġi fuq il-prostituzzjoni u fuq it-traffikar ta' persuni. Fl-2010 inħareġ dan ir-rapport bl-isem "Prohibition Against Purchase of Sexual Service: An Evaluation 1999-2008".

Dan ir-rapport tkellem b'mod pożittiv ħafna fuq l-effetti ta' din il-liġi fuq il-prostituzzjoni ġewwa l-iSvezja. Intqal illi b'riżultat dirett ta' din il-liġi l-prostituzzjoni tat-triq naqset bin-nofs. Skont dan ir-rapport il-prostituzzjoni in ġenerali ma żdieditx. Anke fir-rigward tat-traffikar tal-persuni, intqal illi din il-liġi kienet ta' għajnuna sabiex tfixkel din l-attività. Ir-rapport ikkonkluda wkoll illi għalkemm kien hemm żieda fil-prostituzzjoni li topera minn fuq l-internet, din ma kinetx riżultat tal-liġi iżda kien fenomenu li kien qed iseħħ anke fil-pajjiżi ġirien fejn il-prostituzzjoni huwa legali. Barra minn hekk, skont ir-rapport lanqas kien hemm evidenza li żdied l-abbuż kontra l-prostituti.

Għalkemm dan ir-rapport sostna li l-ispekulazzjonijiet li kienu qed jiċċirkondaw l-introduzzjoni ta' din il-liġi ma seħħewx, ingħad ukoll illi waqt it-tħejjija tar-rapport, il-kummissjoni ltaqgħet ma' ċertu limitazzjonijiet fil-ġbir u komputazzjoni ta' l-istatistika minħabba l-fatt illi l-prostituzzjoni li kien hemm kienet qed topera bil-moħbi.

Dan ir-rapport ġie ppreżentat lill-pubbliku f'eżerċizzju ta' konsultazzjoni pubblika. L-akbar kritika li rċieva dan ir-rapport matul din il-konsultazzjoni kienet rigward il-fatt illi l-istatistika ma nġabritx b'mod empiriku. In-nuqqas ta' intervisti ma' prostituti kien ukoll fil-mira tal-kritka u dan ingħad li fisser illi l-kummissjoni ma rnexxilhix tkun f'pożizzjoni li tagħraf il-veru problemi ta' dawn il-persuni. L-istat ta' Queensland ġewwa l-Awstralja wkoll ikritka dan ir-rapport fuq in-nuqqas ta' evidenza li kienet ippreżentata fir-rapport.

Kritika oħra mill-pubbliku kienet minħabba l-fatt illi l-istat kien qed jillimita l-libertà tal-persuna fid-deċiżjonijiet li setgħet tagħmel u fil-kontrol ta' ħajjitha. Wara li ġie ippublikat ir-rapport saru xi studji fl-2011 li wrew li huwa diffiċli li wieħed ikun jaf eżattament jekk din il-liġi laħqetx l-għanijiet mixtieqa. B'hekk skont dan l-istudju wieħed ma jistax joqgħod fuq il-konklużjonijiet ta' dan ir-rapport.

Apparti din il-kritika, fl-2012 inħareġ rapport li ikkummissjunat minn Nazzjonijiet Uniti li ikkritika s-sistema adottata mill-iSvezja. Skont dan ir-rapport l-istat ma għandux jitfa' kollox taħt kappell wieħed f'dak li jirrigwardja prostituzzjoni u, persuna li tkun trid toffri servizzi tagħha bil-volontà libera tagħha, għandha titħalla tagħmel dan. Dan ir-rapport saħaq li s-sistema adottata mill-iSvezja kienet ta' "grave consequences for the workers" u dan minkejja li l-gvern Svediż qal li l-liġi kienet suċċess.[3]

[2] http://www.government.se/sb/d/4096/a/119861

[3] Global Commission On Hiv And The Law - Risks, Rights & Health: http://www.hivlawcommission.org/resources/report/FinalReport-Risks,Rights&Health-EN.pdf

**Il-Ġermanja**

Ġewwa l-Ġermanja l-prostituzzjoni hija legali. Il-liġi li tirrigwarda s-suq tas-sess hija kkonsidrata bħala waħda mill-aktar liberali fid-dinja. Il-persuni involuti fil-prostituzzjoni jistgħu jaħdmu ġewwa burdelli u anki fit-toroq. Il-prostituti jistgħu saħansitra jidħlu f'kuntratt tax-xogħol flimkien ma' min iħaddimhom.

Il-persuni involuti fil-prostituzzjoni jridu jiġbru l-VAT fuq is-servizz li jagħtu u anke jridu jħallsu t-taxxa tad-dħul. Il-gvern Ġermaniż idaħħal miljuni b'dan l-intaxxar u ċertu ekonomisti saħansitra jinsistu li l-gvern kapaċi jdaħħal il-biljuni jekk jirnexxilu jiffoka aktar fuq l-infurzar tal-ġbir. It-taxxa li tinġabar tvarja minn post għall-ieħor. Per eżempju ġewwa Berlin il-prostituti jħallsu madwar 30 ewro kuljum li jitħallsu bil-quddiem. F'postijiet oħra bħal Bonn, jinġabru 6 ewro minn dawk il-prostituti li jaħdmu bil-lejl u dan permezz ta' magni li jixbħu il-parking meters.

Ġewwa l-Ġermanja reklamar relatat mall-prostituzzjoni kien projbit iżda l-Qorti Federali tal-Ġermanja iddeċidiet illi l-leġiżlazzjoni riċenti tippermetti dan. B'hekk illum il-ġurnata fil-ġurnali wieħed jista' jsib diversi riklami relatati ma' servizzi sesswali.

Il-prostituzzjoni f'ħafna stati ġermaniżi hija limitata għal ċertu żoni biss. F'oħrajn, bħal pereżempju f'Berlin, il-prostituti huma fil-libertà li joffru s-servizz tagħhom kullimkien. F'każ illi l-prostituti jinqabdu jaħdmu f'dawk iż-żoni li huma projbiti, dawn jistgħu jeħlu multi w anke ħabs. Fl-2001 ġiet abolita l-liġi li kienet tobbliga lill-prostituti sabiex ikollhom testijiet mediċi b'mod regolari. B'hekk illum il-ġurnata wieħed isib rata għolja ta' ċertu mard u dan minħabba l-fatt li mhux qegħdin isiru dawn it-testijiet. F'ċertu burdelli l-prostituti jkollhom testijiet kull ġimgħa. F'ċertu stati l-prostituti huma obbligati jagħmlu użu tal-kondom meta jkollhom is-sess.

L-akbar problema li qed tiffaċċja l-Ġermanja f'dan il-qasam huwa t-traffikar tal-persuni. L-Uffiċċju tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Droga u l-Kriminalità jpoġġi lill-Ġermanja fuq quddiem fil-lista tal-pajjiżi li fihom iseħħ it-traffikar tal-persuni. Għalkemm il-pulizija jidhru li qed jinvestu ħafna sabiex jelgħbu din il-problema, s'issa jidher li ma tantx qed jirnexxilhom b'riżultat li eluf ta' persuni qed ikunu esplojtati u sfurzati joffru servizzi sesswali.

Apparti minn dan, qed jinħolqu problemi oħra fejn il-prostituti qegħdin ikunu sfruttati mill-imgħallma tagħhom. Min ikun iħaddem jipprova jagħmel dak kollu li huwa possibli fl-ambitu li tippermetti l-liġi sabiex jagħmel il-massimu profitt. Numru ta' burdelli fil-Ġermanja daħlu sistema fejn persuna li tkun trid tixtri s-sess, tħallas qabel tidħol ġewwa l-burdell u tkun tista' tipprattika atti sesswali kemm jogħġobha. Din is-sistema qed twassal sabiex il-prostituti jaħdmu aktar għal anqas flus.

**Malta**

Il-pożizzjoni li ħadet Malta fil-konfront tal-prostituzzjoni hija dik tal-abolizzjoni. Għalkemm ix-xiri u l-bejgħ huma legali, ħafna aspetti tas-suq tal-prostituzzjoni huwa illegali. B'hekk il-leġislatur Malti ħa l-għażla li jipprova kemm jista' jkun ifixkel din il-prattika.

Il-limitazzjonijiet imposti fuq dan is-suq huma diversi. Bażikament kull ħaġa li għanda x'taqsam mall-prostituzzjoni fil-pubbliku hija projbita. Ġewwa Malta l-prostituti ma jistgħux jirreklamaw bl-ebda mod u forma. Lanqas ma jistgħu jitlajjaw jew jagħmlu atti sesswali fil-pubbliku.

Apparti dan kollu ħadd ma jista' jagħmel profitti minn fuq il-prostituzzjoni ta' xi ħadd ieħor. B'hekk il-burdelli ma jistgħux joperaw ġewwa Malta. L-ittraffikar ta' persuni huwa projbit u saħansitra jġorr pieni ħorox ta' priġunerija. Ġewwa Malta ħadd ma jista' jġiegħel jew inkella jqarraq b' xi ħadd sabiex jipprattika l-prostituzzjoni.

Apparti l-liġijiet kriminali, taħt ċertu liġijiet tal-kera, sid il-kera għandu l-jedd li jieħu lura l-fond f'każ illi dan ikun qed jiġi wżat għal skopijiet ta' prostituzzjoni.

Liġi oħra li turi l-oppożizzjoni tal-leġislatur għall-prostituzzjoni tirrigwarda l-eredità fejn it-testatur jista' jaqta' mill-wirt (jigifieri wieħed lanqas ma jkun jista' jieħu r-reserved potion, dik li kienet il-legittima) lil dixxendenti tiegħu li jipprattikaw il-prostituzzjoni.

**Konklużjoni**

Is-suq tas-sess huwa ferm kumpless u minħabba f'hekk ma teżistix soluzzjoni definittiva għal problemi li dan joħloq. Kull triq li l-istat jieħu ser ikollha l-vantaġġi w żvantaġġi tagħha. Naturalment

wieħed jipprova jagħżel triq li jkollha aktar vantaġġi milli żvantaġġi.
Fl-opinjoni taghna, jekk Malta sejra tbiddel il-liġi, ma għandhiex tikkriminalizza l-prostituzzjoni. L-istat għandu jżomm dejjem quddiem għajnejh illi l-prostituzzjoni qatt ma tista' tiġi mwaqqfa. Dan jixhduħ dawk il-pajjiżi kollha li kriminalizzaw dan is-suq. F'dawn il-pajjiżi l-prostituzzjoni tibqa' topera bil-moħbi ta' l-awtoritajiet.
Bħal ma ntqal aktar il-fuq, wieħed mill-għanijiet tal-istat għandu jkun li l-prostituzzjoni ma toperax b'mod klandestin. Dan minħabba l-fatt illi f'dawn il-każijiet ikun aktar diffiċli li l-prostituti jintlaħqu u jingħataw l-għajnuna. Il-prostituzzjoni tibda ġġorr stigma ferm kbira b'tali mod li anke min ikun ġo fiha, jsibha diffiċli jitlob lill-istat għal għajnuna u dan b'konsegwenzi serji fuq l-persuni involuti fil-prostituzzjoni u fuq dawk li jkunu dependenti fuqhom.
Il-gvern Malti lanqas għandu għax jimxi fuq il-mudell Svediż u dan minkejja li l-gvern Svediż saħaq kemm-il darba li l-leġislazzjoni ħalliet il-frott u l-għanijiet previsti ġew milħuqa. Wieħed ma jridx jinsa li l-prostituzzjoni għadha topera ġewwa l-iSvezja u b'hekk il-leġislazzjoni Svediża ma rnexxilhiex twaqqaf dan is-suq kompletament. Dan ifisser illi l-prostituzzjoni qed topera b'mod klandestin.
B'hekk, sabiex il-prostituzzjoni ma toperax klandestinament, ix-xiri w l-bejgħ tas-servizzi sesswali għandu kemm jista' jkun jibqgħu legali. L-istat għandu jiffoka u jara li l-persuni involuti fil-prostituzzjoni ma humiex suġġetti għall-abbuż u riskji.
Dan ifisser illi l-awtoritajiet jaraw li primarjament li ħadd ma jipprattika l-prostituzzjoni kontra l-volontà tagħha jew tiegħu. L-istat għandu jagħmel mezzi u anke jwettaq ċertu monitoraġġ sabiex kemm jista' jkun ma jħallix l-ittraffikar tal-persuni.
Barra minn hekk l-istat għandu jara illi persuni involuti fil-prostituzzjoni ikunu qed joperaw f'ambjent tajjeb u taħt kundizzjonijiet xierqa u umani. Dan ifisser illi ma jkunux suġġetti għall-vjolenza psikoloġika u fiżika kemm mill-imgħallma tagħhom (f'każ ta' burdelli jew *gentlemen's club*) u kemm mill-klijenti tagħhom. Il-gvern għandu jillimita l-prostituzzjoni tat-triq għal-ċertu żoni biss. Dawn iż-żoni għandu jkollhom rondi frekwenti mill-pulizija sabiex dawn jaraw li ma jkunx hemm inċidenti ta' vjolenza.
Il-persuni involuti fil-prostituzzjoni għandhom jiġu edukati u mgħallma fuq ir-riskji tal-mard trasmess sesswalment kif ukoll metodi ta' prekawzjoni. Dawn il-persuni għandu jkollhom aċċess għat-testijiet mediċi kif ukoll għall-kontraċettivi. Apparti dan il-prostituti għandhom ikunu moniterati mill-ħaddiema soċjali u f'każ ta' bżonn għandu jkollhom aċċess għall- għajnuna psikoloġika.
Il-persuni involuti fil-prostituzzjoni għandu jkollhom għajnuna u inċetivi sabiex jsibu mezz ieħor ta' kif jagħmlu l-għajxien tagħhom. Numru ta' problemi se jispiċċaw ġo ċiklu u jsibuha diffiċli joħorġu minnu anke jekk ikunu jixtiequ jagħmlu dan.
Madwar id-dinja diversi pajjiżi qegħdin ibiddlu l-liġijiet tagħhom u jesperimentaw biex jaraw liema sistema tagħti l-aktar benefiċċji. Malta għandha tistenna u tara r-riżultat ta' dawn l-esperimenti anki jekk din mhix is-soluzjoni idejali. B'hekk il-gvern Malti jkun f'pożizzjoni fejn ikollu l-benefiċċju li jagħżel l-aħjar sistema li tnaqqas il-problemi tal-prostituzzjoni.

Fil-frattemp l-awtoritajiet għandhom jaraw illi l-prostituti jkunu kemm jista' jkun imħarsa mill-perikli li jġib miegħu s-suq tas-sess. Apparti minn hekk l-istat għandu jfittex jistudja sew x'qiegħed iwassal lil individwi sabiex jixtru u jbiegħu s-servizzi tas-sess. Ħafna drabi t-triq tal-prostituzzjoni hija sintomu ta' 5fatturi kumplessi oħra. Il-gvern għandu jinvesti aktar sabiex inaqqas dawk il-problemi li jwasslu lil individwi jixtru u jbiegħu s-sess u wkoll dawk il-problemi l-oħra li jiċċirkondaw dan il-qasam. Bil-kriminallizazzjoni u biż-żieda fil-pieni li diġa' huma ħorox xejn mhu sejjer jissolva.



# Meta Terġa' Tfeġġ il-Marda, jew ir-relapse

Minn Connie Magro, Servizz LWIEN

**(It-Tieni parti - ikompli mill-ħarġa ta' Ġunju 2013)**

## Modi kif tista' tnaqqas ir-riskju ta' *relapse*:

Meta tkun qed tħossok tajjeb, il-kimika fil-moħħ tkun relattivament bbilanċjata. Is-sintomi li semmejna li jwasslu għal *relapse* jistgħu jħawdu l-bilanċ tal-kimika fil-moħħ u allura jkun hemm *relapse*. Ikun tajjeb li titgħallem tilmaħ is-sinjali ta' *relapse* sabiex tilqagħlhom minn bikri. L-aħjar mod kif tilqgħalhom huwa billi tieħu ħsieb sew tiegħek innifsek. Apparti minn dan, hemm numru ta' passi oħra li tista' tieħu biex tevita li l-marda terġa' tfiġġ. Dawn jinkludu li tibqa' tieħu l-mediċini kif preskritti, tadotta stil ta' ħajja pożittiv, **kontroll ta' l-ambjent**?? u għarfien tas-sintomi. Tajjeb ukoll li titgħallem aktar dwar il-marda mentali u dwar il-medikazzjoni. Iddiskuti l-medikazzjoni u l-effetti ma' ħaddiema fil-qasam tas-saħħa mentali u mal-Psikjatra. Fittex ikseb tagħrif bil-miktub dwar id-dijanjosi u t-trattament. Jekk il-medikazzjoni mhix qed taħdem tajjeb, staqsi dwar mediċini oħra. Kun iggwidat mit-Tabib sabiex tinstab il-mediċina u d-dożaġġ.

Fuq kollox, agħmel impenn biex l-mediċina tittieħed kuljum. Anki jekk jiġri li l-mediċina mhix qed tgħin, kun af li wieħed qatt m'għandu jaqbad u jieqaf jieħu l-mediċina minn jeddu; qabelxejn wieħed irid jiddiskuti sew mat-tabib dwar il-għala qed jinħass il-bżonn għal bidla fil-mediċina u fid-doża u x'qed ikunu s-side effects. Agħraf is-sintomi bikrija għax huma twissija li se jkollok *relapse*. Ftakar li s-sintomi jitfaċċaw fil-bidu nett ta' *relapse*. Ħu nota tal-bidliet li qed tinnota bħal affarijiet strambi li tgħaddu minnhom fil-bidu tal-marda u tibdil fl-imġiba li ħaddieħor ikun innota. Ftakar biex toqgħod attent:

- għal kwalunkwe sintomi li qed jitfaċċaw;
- għal kwalunkwe sintomi ġodda li jidhru għall-għarrieda;
- għal kwalunkwe sintomi residwali li qed jiżdiedu. Sintomi residwi huma dawk li jonqsu iżda li ma jisparixxux għall-kollox, minkejja l-fatt li l-mediċina tkun qed tittieħed. Hemm dawk li jibqgħu l-istess jiġifieri la jmorru għall-agħar u lanqas għall-aħjar.
- Li tieħu nota ta' sintomi bikrin ħalli ma terġax tfiġġ il-marda. Iktibhom dawn is-sintomi bikrin ħalli malli tilmagħhom, tmur mill-ewwel għand it-tabib.

### Xi sintomi bikrin

- Nuqqas ta' irqad bil-lejl.
- Nuqqas ta' konċentrazzjoni jew attenzjoni. Ma taħsibx ċar bħas-soltu.
- Filli tidħaq u ftit wara tibki.
- Tinsa affarijiet aktar spiss mis-soltu.
- L-ideat jibdew ġejjin aktar malajr mis-soltu.
- Smigħ ta' vuċijiet.
- Biża' min-nies, minn postijiet jew affarijiet li normalment ma tibżax minnhom.
- Rabja żejda u argument aktar mis-soltu.
- Raġunament, kliem u aġir stramb.
- Nervi jew inkwiet bla waqfien.
- Ħsibijiet li n-nies qed jitkellmu dwarek jew jiddieħku bik.
- Infieq ta' ħafna flus aktar mis-soltu.

Importanti li wieħed jieħu ħsieb is-sintomi ta' *relapse* sabiex:

- jiġi evitat dħul bla bżonn l-isptar. Relapse tista' tiġi evitata.
- tibda u tibqa' tħossok aħjar;
  ma tmurx lura;
- tnaqqas ir-riskju li tispiċċa fl-isptar;
- ikollok aktar kontroll tiegħek innifsek u ta' ħajtek.
- tnaqqas ir-riskju li tispiċċa fl-isptar;
- ikollok aktar kontroll tiegħek innifsek u ta' ħajtek.



## La tingħalaqx fik innifsek!

- *Tkellem* dwar xi aħbar ħażina ma' xi ħadd viċin tiegħek. Ma jimpurtax jekk ikollok bżonn li titkellm u tibki kemm-il darba. Dan huwa parti mill-mod ta' fejqan naturali tal-moħħ.
- *Żomm ruħek attiv*. Imxi u ħu sehem f'attivitajiet oħra. Agħmel xogħol tad-dar. Ipprova għamel affarijiet b'idejk madwar id-dar ħalli żżomm l-ambjent sabiħ u jiġbdek u jserraħlek moħħok. Tinjorax l-attivitajiet li huma parti mir-rutina normali tiegħek.
- *Ara li tiekol regolari*. Ħu taħlita ta' frott u ħxejjex friski. Jekk titlef il-piż fi żmien qasir ikollok nuqqas ta' vitamin u tħossok agħar.
- *Evita t-teħid ta' drogi* (speċjalment il-Cannabis, u l-alkoħol. Tippruvax tneħħi d-dwejjaq bl-alkoħol jew drogi għax dawn jistgħu jġagħluk tħossok aħjar għal ftit tal-ħin biss; wara tħossok agħar. Dawn iżidu l-mard mentali tiegħek. Id-drogi illegali u l-alkoħol ma jħallukx taħdem fuq il-problemi tiegħek. Huma wkoll ħżiena għas-saħħa fiżika tiegħek.
- *L-irqad*: Ipprova orqod u qum regulari kuljum.
- *Taqtax qalbek* għax taħseb li inti biss issofri minn mard mentali. Qawwi qalbek għax, jekk tieħu ħsieb, ikun probabbli li eventwalment tkun tista' toħroġ mill-marda. Kultant, wara mard mentali, jista' jkun li wieħed joħroġ aktar b'saħħtu minn qabel. Bil-mod pożittiv li tara u taffaċċja sitwazzjonijiet diffiċli, tintebaħ li anke r-relazzjonijiet tiegħek tjiebu.
- *Deċiżjonijiet*: Aktar ma timmaniġġja l-marda tajjeb, aktar ma tissaħħaħ il-ħila tiegħek li tieħu deċiżonijiet importanti u tixpruna bidliet f'ħajtek li forsi, fil-passat, kont tevita li tagħmel. Il-bidliet għamilhom b'pass li tista' tkampa bih ħalli ma tikkawżax stress żejjed.
- *Naqqas l-istress.* Żomm il-livell ta' l-istress baxx kemm jista' jkun. Ħafna stress, anke stress tajjeb, jista' jikkaġuna *relapse*. Jekk tħoss li għandek stress ġdid, kellem lit-tabib jew membru ieħor tat-tim tal-kura tiegħek. Biex tnaqqas l-istress, evita sitwazzjonijiet stressanti u minnflok ipprova agħmel xi affarijiet li jogħġbuk: isma' mużika li tħobb, ara xi programm interessanti fuq it-televixin, ħu doxxa jew banjo, ikteb ħsibijietek fid-dijarju, mur imxi mixja twila, mur għum, tkellem ma' xi ħabib jew membru tal-familja, pinġi, mur fil-kampanja u aprezza s-sbuħija naturali, agħmel eżerċizzi biex tirrilassa.

## Is-sehem tal-membri tal-familja ta' persuna b'mard mentali

Tajjeb li l-familja titgħallem aktar fil-fond dwar il-marda, is-sintomi, il-mediċini u s-*side effects* tagħhom, is-sinjali bikrija ta' *relapse*, in-sintomi residwi, l-effetti negattivi meta wieħed iwaqqaf il-mediċini minn jeddu u qabel il-waqt. Tajjeb li l-qraba jaċċettaw il-fatt li persuna li żviluppat mard mentali tista' tinbidel.

Jista' jagħti l-każ il-persuna marida tingħalaq fiha nnifisha jew issir inqas attiva. Jista' jkun ikollha delużjonijiet u żżomm siekta dwarhom jew inkella tkun kapaċi titkellem dwarhom. Tkun xi tkun il-qagħda tagħha, tajjeb li tagħmel dan li ġej:

- *Isma'*: Tajjeb li titgħallem tisma' lill-qarib marid. Aktar ma jgħaddi ż-żmien, jista' jkun li tħossok għejjejt tisma'. Tisfurzax lilek innifsek għax inkella timtela' b'riżentimenti li jgħerruk.
- *Toffrix pariri*: anki jekk għalik, is-soluzzjoni tidher perfettament ċara, aħjar toqgħod lura milli tagħti parir. Għin lill-qarib jipprova jara hu jew hi x'jista' jsir flok ma tgħid int x'għandu jagħmel.
- **-** *Qatta' ħin mal-qarib marid.* Inkoraġġixxi. Għin biex jitkellem u jesprimi ruħu. Għin biex jibqa' għaddej bl-affarijiet li normalment jagħmel.
- *Assigura:* Qawwi qalb dak li jkun speċjalment f'dawk il-waqtiet meta jkun qed isibha diffiċli li jemmen li jista' jerġgħa jieħu saħħtu. Jista' jkun li jkollok tirrepeti numru ta' drabi. Ma jimpurtax.
  - *Kun żgur li qed jixtri u jiekol ikel biżżejjed.*
  - *Għin biex joqgħod il-bogħod mill-alkoħol.*
  - Jekk jesprimi xewqat ta' mewt jew ħsibijiet ta' suwiċidju, għid lit-tabib minnufih.
  - Dejjem ħeġġeġ lill-qarib biex jieħu l-għajnuna.
  - Inkoraġġixxi lill-qarib jieħu l-mediċina u li jara lill-psikjatra regolarment.
  - Tibżax tiddiskuti mill-ewwel kull problema dwar il-kura mat-tabib.
  - Naqqas l-espressjoni ta' emozzjonijiet qawwija. Evita ħafna kritika u ġudizzji li jitfgħu lil dak li jkun lura. Ippermetti spazju emozzjonali u psikoloġiku lill-qarib marid.
- - Żomm kuntatt mat-team tas-saħħa mentali għal informazzjoni; biex ssir kif kif aktar tista' tgħin lill-qarib; biex tkun taf kif tista' tevita li jinħolqu kriżijiet; u fuq kollox biex tikseb l-appoġġ meħtieg għalik innifsek. Anki jekk il-qarib marid ma jkunx irid li l-familjari jkunu involuti, il-familja xorta tista' tinforma lit-team tas-saħħa mentali dwar dak li qed jiġri.

## Żjajjar ta' Ħbiberija lill-Anzjani Tarxiniżi li jħossuhom weħidhom

*minn Sr Rose Rizzo*

IL-Kummissjoni Djakonija tal-Parroċċa ta' Ħal-Tarxien dejjem tara kif tgħin lil min hu fil-bżonn. Il-membri tagħha, li jiena waħda minnhom bħala rappreżentanta tal-Fondazzjoni Santa Giovanna Antida, jagħmlu mill-aħjar biex jaraw jekk hemmx parruċċani li jħossuhom weħidhom sabiex il-ħtiġijiet tagħhom jintleħqu. Kif tistgħu timmaġinaw, ir-raħal ta' Ħal-Tarxien għandu, bħal ħafna rħula oħra, numru ta' anzjani li jgħixu fil-qalba tal-villaġġ. Għalhekk, bi ftehim mal-Kappillan, persuna mill-Kummissjoni Djakonija (Connie Saliba) u Social Worker mill-Fondazzjoni (Sr Rose Rizzo)ingħaqadna u minn April sa Awwissu ta' din is-sena żorna 52 dar fejn jgħixu anzjani. Membri oħra mill-Kummissjoni Djakonija żaru familji oħrajn. Dawk li żorna Connie Saliba u jiena kellhom dawn il-ħtiġijiet:

- Iħossuhom maqtugħa u weħidhom;
- Hemm min maħbub, rispettat u moqdi sew mill-familjari u mill-ġirien;
- Sibna numru li m'għadhomx jgħixu d-dar jew mietu;
- Fejn kien possibbli, ħajjarnieh bosta li jgħixu weħidhom imam li jistgħu joħorġu, biex jattendu Day Centre u jibqgħu attivi;
- Hemm numru li se nibqgħu insegwuhom għax esprimew numru ta' ħtiġijiet.

Li Social Worker minn għaqda volontarja taħdem id f'id ma' Voluntiera mill-Kummissjoni Djakonija tal-Parroċċa hija esperjenza sabiħa ħafna. Din l-inizjattiva laqqgħatna ma' ħafna nies. Dejjem ħassejna ruħna milqugħin u li ż-żjara kienet apprezzata ħafna. Dan it-tip ta' outreach li huwa wkoll parti integrali tax-xogħol li jsir fil-Fondazzjoni ta' St. Jeanne Antide, fetaħ ħafna orizzonti biex l-għajnuna tagħna tkun organizzata u fejjieda. Huwa xogħol akkompanjat minn ħafna talb għaliex Alla biss jista' jmiss il-qlub biex iddawwal u jfejjaq u jagħti l-kuraġġ qalb il-problemi tal-familji. Aħna biss strumenti f'idejh biex bl-għajnuna tiegħu intaffu xi ftit mill-isfidi tal-ħajja.



## Visit by the Minister for the Family and Social Solidarity – Dr Marie Louise Coleiro Preca





Dr Marie Louise Coleiro Preca, Minister for the Family and Social Solidarity, visited the Foundation on July 1st. She met Foundation workers, volunteers and some service users. Foundation professionals discussed with Minister Coleiro Preca a number of issues related to community-based service provision in support of very vulnerable and poor families.

The Minister's visit and her deep interest in issues related to poverty and social exclusion was very much appreciated by all those present.

# Obstacles faced by women victims of domestic violence - SOAR presentation to Parliamentary Social Affairs Committee

***"Poverty has become a real threat. Why should it be a choice between being poor and being safe?"***

On Friday 26th July, SOAR Committee Leader Elaine Compagno made a presentation to the Parliamentary Social Affairs Committee (PSAC) on *Obstacles Faced by Women Victims of Domestic Violence*. The presentation was one of a series of encounters the PSAC had with organisations working in the field of domestic violence.

The obstacles highlighted by Elaine were based on the expressed experience of SOAR members during group therapy, discussions and other activities organised for members. Issues highlighted included the following:

1. Legal
2. Police
3. Financial
4. Housing
5. Traumatic impact on children's growth and development and related issues
6. Services.

**1. Legal obstacles:**

1. The process of accessing legal aid is often hard. Some SOAR members report having experienced unacceptable rude comments and judgemental attitudes.
2. Legal fees and court fees are expensive. There exists no standard sliding scale for legal fees that enable one to calculate what to expect. The system is like a bottomless pit. Women whose husband refuses
3. Legal processes are too. These include legal processes in court cases against the perpetrator of domestic violence, Court separation processes, and civil court hearings against fathers who fail to pay maintenance despite court decree. In the latter case, the mother has to file a petition each time the father fails to abide by the court sentence on maintenance.
4. The time-bar of 6 months on unpaid child support cases is too short.
5. Video links during court sessions should be introduced as quickly as possible to prevent unnecessary trauma each time there is a court hearing.
6. Women victims of domestic violence and their children cannot understand why it is always the women and children who have to abandon their homes, leaving the perpetrator to enjoy full access.
7. Inability of some Mediators to recognise the manipulative traits and tactics of some perpetrators of domestic violence and abuse, especially those with a personality disorder who manage to hoodwink professionals.

**VOICES of some SOAR members**:

*"I feel that there is no way out for me. It's going to cost too much and I am too scared. Who's going to protect me?"*

*"I wasn't allowed to change the lock on our home because the property was half his. How am I supposed to be safe now when he comes and goes as he pleases even at night?"*

*"He managed to manipulate the court-appointed psychologist. I was not believed!"*

*"He is violent but the law gives him the right to come into our home any time he likes because until we finally sign the separation agreement, I cannot change the locks. We don't feel safe!"*

**2. Issues related to Police procedures:**

1. Reports are insufficient; they lack the possibility of including the details that the woman wishes to be included..
2. A woman has to lodge a report in a Police station in front of her own children and other strangers; their is no confidential room to do so.
3. Some women still report insensitive comments and attitudes of some Police officers.
4. No or little information is offered by the Police on duty about the criminal justice process.

5. The exist situations of collusion between perpetrators who happen to have relatives and/ or friends in the Police force.

**VOICES of some SOAR members**:

*"The Officer saw that my husband was African and told me, 'Aħjar għalik!' "*

*"After the 4th time I was battered, I didn't report the incident and injuries to the Police. What for? By the 4th time, I had lost all trust in the Police."*

*"I pointed out his drugs on the bedside table when the police came after I had phoned for protection against his violence and abuse. But they chose to disregard it. How can I and my child feel safe when not even the Police are doing their job? Didn't they see that my child was in danger?"*

*"The police told me to go to the bedroom and make up. The magistrate asked me if I would forgiving him. Why didn't he forbid him from hurting us again and again? And then people wonder why it takes a victim so long to leave."*

### 3. Financial issues:

Women victims of domestic violence end up as reluctant single parents of their children. They try their utmost to make the marriage work despite the years of abuse and violence. When they reach a stage where staying in the marriage will result in tragedy, they leave to protect their children and themselves. Husbands sometimes jeopardise the family investment by failing to regularly pay the house loan installments. If the woman fails to find a solution, the bank repossesses the house. If the father fails to pay maintenance, the woman finds herself in a situation where paying rent is virtually impossible. Women end up living with their parents or with someone else so as to secure a roof over their heads. Where small children are involved, there is the added difficulty for the mother to find a job. The slippery slide towards poverty becomes very real.

Women who want to work or study find additional obstacles as childcare is expensive; they consider childcare an unsustainable option.

1. Grants and subsidies meant to ease burdens come with objective-defeating expensive application fees and long processing times.
2. Welfare assistance should allow for single parents to work part time or reduced hours without losing all benefits.

The above obstacles often drive victims to remain in the abusive relationship; they know that leaving is a sure way to become poor.

**VOICES of some SOAR members**:

*"It's ridiculous. I want to work, but if I work 20 hours, I earn €400. If I stay at home, I get €400 Euro in welfare benefits. I cannot work more hours, so I might as well stay at home. That is what the system is telling me to do."*

*"Without childcare I cannot work! It seems like I'm destined to struggle until the children are old enough to stay at home alone."*

*"Poverty has become a real threat. Why should it be a choice between being poor and being safe?"*

*"I am a woman. I am a part of this society. I have a right to live in safety, to work and to study."*

### 4. Obstacles to accommodation and public housing:

All women victims of domestic violence and many professionals are in agreement about the following: Were the perpetrator to be forced to leave the family home instead of his victims, the pressure on public housing may drastically fall as victims are often jobless and perpetrators have full control of the family income. Perpetrators will be able to rent accommodation. Private rentals are too expensive. The waiting list for public housing is too long. There is also the tax on house sale when the matrimonial house is sold after separation.

**VOICES of some SOAR members**:

*" I had nowhere to go. Shelters are temporary.Then what?"*

*"I ask myself, is all this moving around good for the children? It's a big shock for them each time we move to a shelter."*

*"I've been waiting for public housing accommodation for 5 years. They won't process my application since I own half the matrimonial house. My choice is a catch 22 situation: rent and have no money left to live on, or go back. I cannot afford more court cases."*

### 5. Issues related to the traumatic impact on children's growth and development

-Abuse on the mother is abuse on the child who witnesses, hears and

lives in such a household. It affects children deeply, but not enough attention is paid to these effects by courts and other services.

Waiting lists for children's free therapy are absurdly long. They need help, yesterday. Private therapy solutions are too costly for victims.

Children are psychologically and emotionally harmed when the non-custodial parent fails to turn up for agreed access visits.

There should be a system whereby both parents are held legally accountable to (a) give access to the other parent, and to (b) honor the access agreement / decree.

Children's right to be happy and safe is paramount and should come before the right of an abusive parent's access.

Supervised access options should be stepped up and the victim must not pay for this from their own pocket.

**VOICES of some SOAR members**:
*"I left home to ensure safety for my children; but where are the services for their mental health?"*

*"My child is afraid of her father, but I feel that there is nothing I can do. I feel guilty that I managed to leave my abuser to be safe, but I am not able to protect my child from him because even as an abuser of us both, he has access rights. What kind of sydtem is this?"*

**6. Issues related to Services**
The support system is too bureaucratic. There is a need for flexibility and committment to facilitate co-ordination between different sectors: health, mental health, police, judicial, social welfare, family support, housing, and schools. Crises require immediate attention and response. Instead, one faces a long waiting list for problems requiring immediate attention.

Lack of sensitivity may lead victims to feel misunderstood resulting in loss of faith and trust in the judicial, protection and support services.

**VOICES of some SOAR members**:
*"I feel victimized over and over again; this time by the system."*

*"The form for rental subsidy was so thick! It's like it is designed to put me off applying. I am tired and mentally drained. These obstacles do not help."*

*"At the moment of crisis, I was not thinking; I was completely confused, overwhelmed and in full of disbelief. Do these people know what it feels like? I did not find the support in my hour of need."*

*"I'm supposed to live on €400 Euro a month with two children and pay €200 for rent monthly.. It's impossible! Yet you see people in BMW's queing for EU food."*

*"I have a child with a disability. I work and study. I have no support from the government and from relatives. I feel all alone. I need help with my child 24/7!"*



# Fundraising activities held during June & July – each Euro raised matters!!!!

## Lejla Maltija – 29th June













## BBQ Dinner at Bighi Esplanade Heritage Malta

























## Fundraising Concert at the Greek Theatre in Ta' Qali – 23rd August

Special Thanks goes to singer Freddie Portelli, singer Amber Bondin, Gillian Attard & her La Voix Children's Choir, Compere Twanny Scerri, Parks and Initiatives Directorate of the Rural Development and Aquaculture Department, the Management of Ta' Qali National Park, and sponsors: Bilom Group, GFI Ltd, Schembri Brothers, Mdina Glass, A to Z Ltd, Watt Transport, MIA, MEPA Flimkien Fund. A big THANK YOU to Foundation Staff & Volunteers. Thank you event organisers Miriam Grech and Melanie Piscopo!

Kif Tħaddan Tbatija

itlef l-inkwiet, qalu l-ġilji fl-għelieqi
ibqa', ibqa' f'żifna mar-riħ mal-ħaxix imsaqqi
fejn ħaxix niexef inqasam bir-riħ, u miet

strieħ fuq l-għeruq qalu l-pini mfewħin
hawn il-qawwa tas-sbuħija w ta' ġid bla tmiem
kemm nistrieħu hawn, hekk jgħammar Hu.

ħaddan nies, tbatija, qtigħ it-tama, nkwiet
jgħid l-għaraq ta' Kristu fejn bil-grazzja
kruha w disperazzjoni jidhru, jfiequ, jsiru sliem

tbissem, tbissmet xemx tiddi sħana u dawl
balzmu, t-tbissim - jidlek imnikktin, beżgħin, u mejtin
ħemda w hena jħaddnu wesgħa għal tbatija w niket

induna b'irwiefen u terrremoti, qalu s-sema w l-irdum
imqajjem għal-fatti, seren, bla bżonn ta' reaġir
nafu li l-univers jeħtieġ wesgħa kbira tassew

provokazzjoni
perversità
ħażen
jiġu
u jmorru, imma s-sliem
jibqa'

offrieħ il-jien, jgħidu sħab ta' bla xifer, jidħlu f'xulxin
il-jien jinħall fid-dija, fis-sliem li jimraħ
u jaqbad minn taħt, mill-ħuġġieġa ta' mħabba

b'qalb kbira agħti il-jien tgħid ħamrija kotrana
ara l-għoti tal-ħajja jgħaddi minni
u jinħelsu in-nieqsa u l-imxekklin

is-sliem
jibqa'
il-wesgħa ta' darek titwessa'
mill-wisa' w mill-fond
tbissimtek
tibqa'
u s-sikket
il-moħħ

*tony macelli*



## Storja minn Hailey Misfud bil-għajnuna tat-Tutor tal-Ingliż Gabriella Baldacchino



**Once upon a time there was a fairy named Britney. She was the lovely fairy of the garden. Britney had a little friend called Whitney, the fairy of the pets. In the garden there was a special flower. It was a sunflower. Whenever Britney is in danger, the flower glows. When Whitney sees the flower glowing, she says to the butterflies: "This means we have a major emergency. The fairy of the garden is in trouble."**

**All the butterflies quickly put on their emergency costume. Whitney and the butterflies manage to save Britney. Immediately, the flower stopped glowing. And so they lived in their wonderful garden happily ever after.**







## DONATIONS

Your donation is truly appreciated. It enables us to sustain our services to vulnerable and poor individuals and families.

Donation to the St Jeanne Antide Foundation can be made as follows:

- **Cheque** issued to The St Jeanne Antide Foundation and posted to the Foundation: 51 Tarxien Road, Tarxien TXN 1092
- For **local bank transfers**: **APS** 2000 0681 886 **HSBC** 013175021001
  **BOV** 4002003379-0 **BANIF** 00210404101
- If you are a Go/Vodafone/Redtouch subscriber you can donate by sending a **blank SMS** (SMS tariffs applicable):
  €2.33 – 50617371 €4.66 – 50618095
  You will receive a text message of thanks and acknowledgement
- For **bank transfers from overseas**: APS Bank, 146/147, Antoine De Paul Square, Paola PLA1260
  Bank Code (Swift) APSBMTMT IBAN No: MT03 APSB 7708 0005 5047 2000 0681 886 (last 11 digits are the account number).

## HOW YOU CAN HELP US - OTHER OPTIONS

- ✓ If you are getting married: make a donation instead of buying wedding souvenirs.
- ✓ If you are having a birthday party: ask friends to make a donation instead of buying a gift.
- ✓ If you are having a wedding anniversary celebration: convince your guests to make a donation instead of buying a gift.
- ✓ For funerals: you may wish to make a donation instead of buying flowers.
- ✓ Get Togethers: organise a spontaneous collection.
- ✓ You may wish to send us a monthly or annual donation, whatever the amount.
- ✓ You can encourage others to consider donating to the Foundation.
- ✓ Ask your employer for a matching scheme which will make your contribution go even further!
- ✓ Become a HELP-SJAF Champion and ask friends and family to make a donation.

***CONTACT US:*** sjafngo@gmail.com

## FOUNDATION SERVICES

**1. The Antide Centre/ Ċentru Antida** - a drop-in/ welcome Centre in Tarxien. Open from 7.30am to 5.30 pm daily in winter time (sometimes later as well).

**2. Social Work & Counselling Service:** Includes:
- Services of **Social Workers** that includes home-visits, outreach, advocacy, referral, information, emotional support;
- **Counselling**;
- **Emotional Freedom Therapy**;
- **Befriending lonely** home-bound elderly persons (Volunteer Team: Nurse and brfrienders)
- **SOAR advocacy and support group** for victims and survivors of domestic violence.
- **Volunteer Handymen** in support of vulnerable and poor families.

**3. Learning Support Service** open for vulnerable persons supported by Foundation Social Workers. Includes: *For Children*: homework support for primary level students; weekly creative writing and maths support for secondary level students; summer programme; weekly arts, music and crafts sessions. *For adults*: non-formal learning opportunities for vulnerable adults such as self-esteem groups & literacy. *For grandparents who regularly care for their grandchildren*: educational clubs.

**4. LWIEN Service - caring for family carer-givers:** support for family caregivers of persons with mental health problems. Includes family consultations, counselling, support groups, home-visits, social work

5. **Community Work Projects in Żabbar and Fgura** undertaken in collaboration with the parishes. Services include social work in zones with a concentration of families in difficulty, counselling, groupwork, mental health nurse, literacy support, home-visits, befriending.

7. **Overseas Development Projects:** SJAF works with partners in developing countries to formulate anti-poverty projects. It has also arranged for public funding of such projects in Pakistan, Central African Republic, South Sudan and Malawi.